**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 23 ta' Novembru, 2022**

**Talba Nru: 103/2022MD**

**Edwina Bonello (K.I. Nru 522953M)**

**Vs**

**Red October Company Limited (C-21883)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' April, 2022[1] permezz ta' liema l-attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi dikjarata debitrici tal-attrici, u konsegwentement jordna lis-socjeta' intimata trodd lura id-debitu ta' €2,784.17 rapprezentanti kollezzjoni ta' merkanzija bl-ingrossa minghand l-attrici, bl-imghaxijiet legali minn dak inhar li t-Tribunal jiddeciedi skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota kongunta[2] pprezentata mil-partijiet fejn is-socjeta' konvenuta ammettiet it-talbiet attrici, filwaqt li l-attrici accettat illi s-socjeta' konvenuta tghaddilha l-ammont ta' €2,784.17 f'pagamenti mensili u cioe' f'hames pagamenti konsekuttivi fl-ammont ta' €500-il pagament bis-sitt pagament ikun fl-ammont ta' €284.17. Il-partijiet qablu li l-imghax fuq l-ammont globali mhux ser japplika u li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 8 tal-process.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra n-nota kongunta pprezentata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici fil-konfront tal-attrici u konsegwentement jordna lil socjeta' konvenuta sabiex trodd lura lill-istess attrici, is-somma ta' elfejn, seba' mija u erbgha u tmenin Ewro u sbatax-il centenzimu (€2,784.17) rapprezentanti kollezzjoni ta' merkanzija bl-ingrossa minghand l-attrici, liema somma ghandha tithallas lil-attrici b'rati mensili ta' hames pagamenti konsekuttivi fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500)-il wiehed, bis-sitt pagament ikun fl-ammont ta' mitejn u erba u tmenin Ewro u sbatax-il centezimu (€284.17), minghajr interessi legali.

Il-partijiet ihallsu l-ispejjez tal-kawza rispettivi taghhom.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**